C/2025/2481

6.5.2025

Pubblikazzjoni ta' talba għall-kanċellazzjoni, li waslet qabel it-13 ta' Mejju 2024, skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel flimkien mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 664/2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-istabbiliment ta' simboli tal-Unjoni għal denominazzjonijiet ta' oriġini protetti, indikazzjonijiet ġeografiċi protetti u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti u fir-rigward ta' ċerti regoli dwar it-tiftix ta' sorsi ta' provvista, ċerti regoli proċedurali u ċerti regoli tranżitorji addizzjonali

(C/2025/2481)

Wara din il-pubblikazzjoni, l-awtoritajiet ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz, jew persuna fiżika jew ġuridika li jkollha interess leġittimu u li tkun stabbilita jew residenti f'pajjiż terz, fi żmien 3 xhur mid-data ta' din il-pubblikazzjoni, tista' tippreżenta oppożizzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

TALBA GĦALL-KANĊELLAZZJONI

It-talba għal kanċellazzjoni f'konformità mal-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

"Aceite de la Comunitat Valenciana"

Nru tal-UE: PDO-ES-0720-CANCEL — 20.2.2024

DOP (x) IĠP ( ) STG ( )

1. **Isem reġistrat propost għall-kanċellazzjoni**

"Aceite de la Comunitat Valenciana"

2. **Stat membru jew pajjiż terz**

Spanja

3. **Tip ta' prodott (bħal fl-anness xi)**

Klassi 1.5. Żjut u xaħmijiet (butir, marġerina, żejt, eċċ.)

4. **Persuna jew entità li tagħmel it-talba għall-kanċellazzjoni**

Asociación para la promoción de la D.O.P. "Aceite de la Comunitat Valenciana"
[Assoċjazzjoni għall-promozzjoni tad-DOP "Aceite de la Comunitat Valenciana"]
C/Sagunto, 39
12400 Segorbe (Castellón)
ESPAÑA

Tel. +34 964713812

info@aceitevalencia.com

([1]) Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agrikoli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agrikoli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj).

5. **Tip ta' kanċellazzjoni u raġunijiet relatati**

☐ F'konformità mal-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

☐ il-punt (a)

☐ il-punt (b)

☒ F'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012

Huwa mifhum mill-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott li d-DOP ma tistax tiġi estiża għal żjut ta' varjetà waħda. Minħabba din ir-restrizzjoni, u d-differenzi organolettiċi bejn il-varjetajiet indiġeni taż-żebbuġ imkabbra fil-Komunità ta' Valenzja, il-konformità mal-Ispeċifikazzjoni tal-Prodott hija diffiċli. Għalhekk huwa diffiċli li ż-żjut protetti jibqgħu eliġibbli. Il-prodott ma tqiegħedx fis-suq minn meta ġiet stabbilita d-denominazzjoni tal-oriġini.